# Epilepsy ToolKit

Verżjoni bil-Malti



Caritas Malta Epilepsy Association

Caritas Malta

Caritas Malta Epilepsy Association | +356 25906600 | maltaepilepsy@gmail1com

# Epilepsy ToolKit

© Caritas Malta Epilepsy Association, 2018
Ippubblikat għall-ewwel darba f'Malta fl-2018,
bl-għajnuna tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Malta.
Mitbugħ minn Communiqué Ltd.
Kull dritt riservat.
ISBN: 978-99957-1-346-1

## DIKJARAZZJONI

L-iskop ta' dan it-toolkit hu li tinħoloq diskussjoni fuq kif wieħed jista' jsib għajnuna dwar l-epilessija. Mhux intenzjonat li jagħti struzzjonijiet ta' x'wieħed għandu jagħmel b'mod mediku. L-informazzjoni mogħtija hawnhekk hija mmirata għal skop informattiv u għaldaqstant wieħed għandu jassumi r-responsabbiltà kollha, kif ukoll ir-riskji f'dak li għandu x'jaqsam mal-informazzjoni medika msemmija. M'għandek qatt tagħmel tibdil fit-trattament - sew f'dak li għandu x'jaqsam mal-mediċina, kif ukoll fl-istil ta' ħajja - bħala riżultat tal-informazzjoni li tkun qrajt f'dan it-*toolkit*. Qabel ma tiddeċiedi li tagħmel xi tibdil, kun ċert li tieħu parir mingħand it-tabib tiegħek.
Filwaqt li CMEA ħadet ħsieb illi tipprovdi informazzjoni b'ċerta reqqa u aġġornata dwar l-epilessija u l-konsegwenzi tagħha, jista' jkun illi seħħew xi tibdiliet jew ineżattezzi f'din l-istess informazzjoni kif ukoll f'dan it-*toolkit*.
CMEA ma tagħtix garanzija fuq il-preċiżjoni u l-kompletezza tal-informazzjoni jew servizzi msemmija. Għaldaqstant CMEA tiċħad kull responsabbiltà.
Importanti li wieħed dejjem jikkonsulta mat-tabib.

# Werrej

4 - 5 Introduzzjoni fuq it-*toolkit*
6 - 9 Mistoqsijiet frekwenti
10 - 11 Persuna li għada kif ġiet iċċertifikata li għandha epilessija
12 - 14 Informazzjoni għall-ġenituri/kuraturi (*Respite centres* u djar għall-anzjani)
15 - 16 Informazzjoni għall-għalliema/LSEs
17 Informazzjoni dwar ix-xogħol
18 Informazzoni għall-pulizija
19 Konklużjoni
20 Glossarju tal-abbrevjazzjonijiet
21 - 23 Lista ta' kuntatti li tista tiġi bżonn



# Introduzzjoni fuq it-toolkit

Hemm aktar minn 4,000 raġuni għal dan il-ktejjeb. Bejn wieħed u ieħor dan huwa n-numru ta' persuni f' Malta li jgħixu bil-kundizzjoni tal-epilessija. L-epilessija hija l-aktar kundizzjoni newroloġika li taffettwa nies: madwar 50 miljun persuna mad-dinja kollha.

Huwa possibbli li tiltaqa' kuljum ma' persuni li għandhom din il kundizzjoni, mingħajr ma tintebaħ. Dan għaliex in-nies bl-epilessija huma bħal kulħadd.... minbarra meta jkollhom aċċessjoni.

Dan it-*toolkit* għandu żewġ għanijiet prinċipali:

1. Li jkun ta' għajnuna għal min jaħdem ta' spiss mal-pubbliku u għal min qatt ma ngħata taħriġ ta' għajnuna bażika f'każ ta' aċċessjoni. Dan il-ktejjeb għandu jgħin biex wieħed jagħraf it-tip ta' aċċessjoni li tkun qed isseħħ u x'għajnuna bażika għandha tingħata, jekk ikun hemm bżonn.
2. Li jipprovdi nformazzjoni bażika lill-persuni li għandhom l-epilessija, sabiex itejbu l-kwalità ta' ħajjithom.

Minħabba li l-epilessija hija kundizzjoni li ma tidhirx, il-persuni milquta minnha jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet. Għal bosta persuni bl-epilessija, l-istigma relatata ma' din il-kundizzjoni tagħmel il-ħajja aktar iebsa milli l-kundizzjoni nnifisha.

Madankollu, bi ftit aġġustamenti u edukazzjoni persuni li għandhom l-epilessija jistgħu jgħixu ħajja normali. Fil-fatt, hemm numru ta' personalitajiet famużi li kellhom dil-kundizzjoni, fosthom: Ġulju Ċesri, Alessandru l-Kbir, Vincent Van Gogh, Ludwig Van Beethoven, Agatha Christie, Danny Clover, il-kantant tar-Rap Lil Wayne, l-atleta Olimpiku Dai Greene, l-eks plejer tal-futbol Amerikan Jason Snelling, il-kantant leġġendarju Neil Young, kif ukoll il-kantanta li ħarġet minn Britain's Got Talent Susan Boyle, fost ħafna oħrajn.

Jekk għandek aktar mistoqsijiet jew tixtieq aktar informazzjoni, tiddejjaqx tikkuntattja lil Caritas Malta Epilepsy Association jew idħol fil-websajt tagħna. Hemmhekk issib ukoll tagħrif dwar meta jsiru l-laqgħat tagħna ta' kull xahrejn.

**Caritas Malta Epilepsy Association**
**Sit: www.caritasmalta.org/epilepsy**
**Imejl: maltaepilepsy@gmail.com**
**Numru tat-telefon: +356 25906600**



# Mistoqsijiet frekwenti

## X'inhi l-epilessija?

Skont il-*UK Epilepsy Society (www. epilepsysociety.org.uk* ), l-epilessija hija kundizzjoni newroloġika, fejn wieħed ikollu tendenza li jesperjenza l-aċċessjonijiet.

Aċċessjoni tiġri minħabba attività mhux normali tal-elettriku fil-moħħ. Dan jindika li min ikollu aċċessjoni ta' darba, ma jfissirx li għandu l-epilessija. Fil-fatt u ħafna drabi, persuna jaf ikollha aċċessjoni darba u qatt aktar.



## Kemm hawn persuni bl-epilessija?

L-epilessija hija kundizzjoni newroloġika komuni: taffettwa madwar 1% tal-popolazzjoni. F'Malta hawn madwar 4,000 persuna li għandhom l-epilessija. Kulħadd jista' jkollu dil-kundizzjoni, iżda l-biċċa l-kbira tibda minn eta' zgħira jew inkella f'persuni tal-fuq minn 65 sena.

## X'tipi ta' aċċessjonijiet jeżistu?

Hemm 'il fuq minn 40 tip ta' aċċessjoni. Dan jiddependi fuq liema parti tal-moħħ tkun affettwata bl-attivita' mhux normali tal-elettriku meta sseħħ l-aċċessjoni. L-aktar aċċessjoni magħrufa hija dik li tissejjaħ ***generalised tonic-clonic seizure***. Din taffettwa l-moħħ kollu: il-persuna tintilef minn sensiha, taqa' u d-dirgħajn kif ukoll ir-riġlejn jibdew jiċċaqalqu. ***Absence seizures*** huma tip ta' aċċessjonijiet li jaffettwaw l-moħħ kollu fejn il-persuna tiċċassa għal ftit sekondi. Hemm tipi oħra ta' aċċessjonijiet li huma parzjali jew fokali, jiġifieri jaffetwaw biss parti żgħira tal-moħħ: dawn jistgħu iġiegħlu l-persuna tkun konfuża u ġġib ruħha b'mod stramb jew differenti mis-soltu.

## Kif issir id-dijanjosi?

L-epilessija hija dijanjosi klinika. Id-deskrizzjoni tal-aċċessjoni mingħand xi ħadd li jkun preżenti waqt l-aċċessjoni nnifisha, hija mportanti ħafna, speċjalment jekk il-persuna milquta ma tkunx konxja waqt l-aċċessjoni. Fil-klinika jistgħu jsiru eżamijiet bħall-EEG (*electroencephalogram*): dan jirreġistra l-mod ta' kif qed jaħdem il-moħħ, dawk li bl-Ingliż jissejħu *brain wave patterns*. Din hija proċedura li ma tweġġax u ddum minn 20 minuta sa ġimgħa sħiħa f'dak li jissejjaħ *long term monitoring.* Jista' wkoll jintuża l-MRI (*Magnetic Resonance Imaging*) jew CT Scan (*Computerised Topography Scan*), skont x'jirrikmanda l-ispeċjalista.



## X’jikkawża l-epilessija?

Jeżistu kundizzjonijiet varji li jistgħu jikkawżaw l-epilessija, fosthom: differenzi fil-ġenetika, attakk ta’ puplesija, ferita fir-ras jew xi tip ta’ infezzjonijiet tal-moħħ. F’ċerti każijiet ma tinstab l-ebda kawża. Madwar 70% tal-popolazzjoni bl-epilessija hija kkontrollata bl-AEDs *(Anti-Epileptic Drugs)*. Hemm ukoll individwi li jistgħu jkunu eliġibbli għal-operazzjoni. Dan però jiddependi minn dak li jiddeċiedu n-newroloġi u n-newrokirurġi.

## X’iqanqal aċċessjoni?

Xi drabi l-kawża tal-aċċessjoni ma tkunx magħrufa. Ċerti sitwazzjonijiet bħal meta jkun hemm stress, nuqqas ta’ rqad jew abbuż tal-alkoħol iżidu r-riskju ta’ aċċessjoni.

## F’każ ta’ aċċessjoni, liema tip tal-ewwel għajnuna hija rrakkomandata?

Jekk persuna tkun qed ikollha aċċessjoni fokali jkun aħjar jekk wieħed jibqa’ mal-persuna. Fl-istess ħin, b’attenzjoni, jressaq lill-persuna l-bogħod mill-periklu waqt li jkompli jaċċertaha li kollox sew. F’każijiet fejn l-aċċessjonijiet jieħdu fit-tul, hemm tobba li jissuġġerixxu tip ta’ *‘rescue medicine’*. Madankollu dan jiddependi mill-parir li jkun ta’ t-tabib lill-pazjent, u skond il-każ.




Importanti li waqt l-aċċessjonijiet tiftakar f’dawn il-5 punti:

1. Żomm kalm.
2. Ħu l-ħin minn meta tibda l-aċċessjoni sa x’ħin tieqaf.
3. Poġġi xi ħaġa ratba taħt ir-ras.
4. Dawwar lill-persuna fuq il-ġenb *(recovery position)* wara li jieqaf iċ-ċaqlieq.
5. Ibqa’ mal-persuna sakemm in-nifs jiġi lura għan-normal.

## Meta għandu wieħed jirrikorri għal tabib?

Ċempel 112 jekk il-persuna:

- Tagħtiha aċċessjoni għall-ewwel darba.
- Tindarab.
- Hija dijabetika.
- Hija tqila.
- Tagħtiha aċċessjoni fl-ilma.
- Tagħtiha t-tieni aċċessjoni ftit wara l-ewwel waħda.
- Mhux qed tieħu nifs kif suppost.
- Jekk l-aċċessjoni tieħu aktar minn 5 minuti.




F’każ ta’ dubju rrikorri għal parir mediku.

## X’ma’għandekx tagħmel waqt aċċessjoni?

- Qatt m’għandek iżżomm lill-persuna. Ħalli l-aċċessjoni sseħħ.
- Tpoġġi xejn f’ħalq il-persuna.
- Iċċaqlaqx lill-persuna sakemm mhux qiegħda f’xi periklu.

## Tista’ persuna li għandha l-epilessija tgħix ħajja normali?

Iva, tista’ tgħix ħajja normali, b’xi arranġamenti żgħar. Kważi 80% tan-nies li għandhom l-epilessija jirnexxilhom jgħixu perjodi twal mingħajr ma jkollhom aċċessjoni – dan grazzi għall-mediċina li tkun qed tittieħed. Uħud ma jkollhom l-ebda aċċessjoni oħra. Sfortunatament għad hemm nies li l-mediċina għall-kontroll tal-epilessija ma taħdimx kompletament fuqhom. Madankollu, grazzi għar-riċerka kontinwa u sejbiet ġodda fil-qasam tal-mediċina, dawn is-sitwazzjonijiet qed jitjiebu.

# Persuna li għadha kif ġiet ċertifikata li għandha l-epilessija

## X'għandha tistaqsi lin-newrologu?

## Kif tipprepara ruħek għall-appuntament:

(Addattat mis-sit www.epilepsy.or.uk)

- Jekk hu possibbli, ħu miegħek lil xi ħadd li kien preżenti waqt li kienet qed isseħħ l-aċċessjoni - xi ħadd kapaċi jirrakkonta sew dak li jkun ġara.
- Żomm djarju tal-aċċessjonijiet – ħu nota ta' meta tkun seħħet, x'ġara, kemm damet u fejn kont.
- Tista' tipprepara xi noti jew mistoqsijiet li tixtieq tiddiskuti mat-tabib.
- Kun ċert li n-newrologu iwieġeb għall-mistoqsijiet li għandek. Jekk ma tifhimx, erġa' staqsi l-mistoqsija b'mod differenti.
- Tkun idea tajba jekk titlob lin-newrologu jiktiblek l-istruzzjonijiet rigward il-mediċini u x'tip tal-ewwel għajnuna tista' tingħata.



## Xi mistoqsijiet li tajjeb tistaqsi lit-tabib tiegħek:

(Addattat mis-sit www.epilepsy.org.uk)



- Għalfejn taħseb li ħarġitli issa l-epilessija?
- X'tip ta' epilessija għandi?
- X'għandi nistenna mill-lum l-quddiem mit-tip ta' epilessija li għandi?
- X'effetti jħallu l-mediċini, li ħa nieħu?
- Hemm xi *side-effects* li tajjeb li nkellem lit-tabib dwarhom?
- Meta għandi nieħu l-mediċina?
- X'għandi nagħmel f'każ li ninsa nieħu xi mediċina jew inkun qed nirremetti jew jkolli dijarea?
- X'jiġri f'każ li dil-mediċina ma taħdimx?
- Tista' tispjegali kif se jaffettwawni r-regolamenti tas-sewqan?

# Informazzjoni għall-Ġenituri u Kuraturi

## (Ċentri ta' Mistrieħ – *Respite Centres* u Djar tal-Anzjani)

L-epilessija hija kundizzjoni serja fil-moħħ, iżda waħda li tista' tiġi kkontrollata. Meta persuna jkollha aċċessjoni għall-ewwel darba, aktarx li aktar se jkollha mistoqsijiet milli tweġibiet. Tajjeb tkun taf li wħud mill-aċċessjonijiet huma faċilment ikkontrollati bil-mediċina. Saħansitra, wieħed jaf ukoll joħroġ minnha. Madankollu, hemm tipi oħra li huma ta' sfida akbar.

### Kif tista' tgħin?

- Huwa mportanti li titgħallem aktar dwar l-epilessija.
- Kun af x'tip tal-ewwel għajnuna tista' tingħata.
- Tgħidx kliem li bihom persuna bl-epilessija tħossha ta' piż jew problema fuq ħaddieħor.
- Kun pożittiv.
- Agħmel kuraġġ il-persuni bl-epilessija sabiex jibdew xi sport, passatemp jew xi ħaġa oħra li tinteressahom.
- Aħdem id f'id magħhom biex tfiehem dil-kundizzjoni lill-familjari, ħbieb, għalliema u qrabathom.
- Kompli bl-attivitajiet u t-tradizzjonijiet regolari tal-familja.
- Żomm nota tal-aċċessjonjiet fi djarju.
- M'għandu qatt jinqabeż appuntament mediku.
- Agħmel kuraġġ lill-persuna bl-epilessija biex tgħix ħajja normali u indipendenti.





### Xi ideat ta' kif persuna bl-epilessija għandha tevita l-perikli:

- Il-mediċini għandhom jinżammu f'post xieraq.
- Tajjeb li wieħed jieħu *shower* minflok banju.
- Persuna li għandha l-epilessija għandha tevita l-għoli.
- Wieħed għandu jevita li jgħum waħdu.

Huwa importanti li inti bħala ġenitur jew kuratur, ikollok is-sapport meħtieġ u li tħalli xi ħin għalik innifsek sabiex tistrieħ. Ġewwa **l-Caritas Malta Epilepsy Association** hemm min hu lest li jisimgħek, jifhmek, jgħinek u jagħtik sapport. L-għan tagħna hu li ngħinu kemm in-nies li għandhom il-kundizzjoni tal-epilessija, kif ukoll il-familjari tagħhom. Lokalment aħna naħdmu ħafna fuq l-edukazzjoni u l-għarfien dwar l-epilessija. Dan nagħmluh speċjalment minħabba l-istigma li persuni bl-epilessija għadhom iħabbtu wiċċhom magħha.

Il-kampanja tagħna timmira li ttejjeb is-servizzi tas-saħħa, it-trattamenti, l-inklużjoni soċjali, kwalità tal-ħajja, kemm għal dawk milquta mill-kundizzjoni, kif ukoll għall-familjari tagħhom. Meta wieħed jissieħeb mal-għaqda tagħna jkun qed ikabbar in-*network* ta' sapport, filwaqt li jżomm ruħu infurmat fuq ir-riċerka li tkun għaddejja u l-iżviluppi ġodda li jkunu qed iseħħu f'dan il-qasam.

# Nota għaċ-Ċentri ta' Mistrieħ u d-Djar tal-Anzjani:

Ħafna drabi l-epilessija tibda fl-età ta' l-fuq min 65 sena, minħabba xi puplesija jew raġunijiet oħra ta' saħħa. Fil-fatt l-persentaġġ tal-epilessija f'din l-età huwa madwar 10%, meta fil-kumplament tal-popolazzjoni huwa ta' 1%. Huwa neċessarju li dawn l-anzjani jsibu l-għajnuna u s-sapport meta tkun saritilhom id-dijanjosi ta' l-epilessija. Jekk inti kuratur ġewwa ċentru ta' mistrieħ jew f'dar tal-anzjani, ħu ħsieb li l-mediċina tingħata fil-ħin li suppost tingħata. Tajjeb ukoll li jinżamm il-ħin ta' kemm damet l-aċċessjoni. Dan sabiex tkun tista' tinforma lill-ġenituri jew familjari, kif ukoll lit-tobba. Fejn hu possibbli u jekk għandek permess mill-persuna, ħu filmat tal-aċċessjoni. Dan ikun ta' għajnuna kbira sabiex it-tabib ikollu stampa aktar ċara. Jekk tkun tixtieq li **Caritas Malta Epilepsy Association** tagħti sessjonijiet ta' taħriġ liċ-ċentru tiegħek, tiddejjaqx tikkuntattjana għal aktar informazzjoni fuq l-imejl **maltaepilepsy@gmail.com .**



# Informazzjoni għall-Għalliema /LSEs(Learning Support Educators)




Ħafna drabi l-għalliema u l-LSEs ikunu minn tal-ewwel li jindunaw li xi ħaġa mhux f'postha f'xi student, u li forsi dan ikun qed ikollu xi tip ta' aċċessjoni fil-klassi. Għaldaqstant huwa importanti li l-għalliema u l-LSEs jkunu jafu x'tipi differenti ta' aċċessjonijiet hemm u x'għandhom jagħmlu jekk dawn iseħħu. Jekk l-għalliema u l-LSEs ma jkollhomx dan l-għarfien, jista' jagħti l-każ li dawn jaħsbu li l-istudent qiegħed jiċċassa. Huwa importanti li l-għalliema u l-LSEs ikunu jafu ukoll dwar l-ewwel għajnuna, sabiex ikunu aktar ippreparati f'każ li sseħħ aċċessjoni.
Huwa faċli ħafna li wieħed ma jindunax b'aċċessjonijiet fejn student donnu jintilef fil-ħolm jew jiċċassa *(absence seizures)*. Dan għaliex iseħħu għal mumenti qosra, ġieli għal ftit sekondi biss: kemm iteptpu l-għajnejn u bħal donnhom jintilfu f'dinja għalihom. Sinjal ieħor li wieħed għandu joqgħod attent għalih huwa meta student jibda jmur lura fir-riżultati fl-iskola f'daqqa waħda u l-attenzjoni tiegħu tibda tmajna.

Bosta tfal bl-epilessija ma jkollhom l-ebda problemi fl-iskola, speċjalment dawk li l-aċċessjonijiet tagħhom ikunu taħt kontroll bil-mediċina. Student li għandu d-dijanjosi tal-epilessija muhiex anqas intelliġenti minn ħaddieħor u jista jkompli jistudja mingħajr problemi. Madankollu, jista' jkun hemm xi diffikultajiet. Dan għaliex filwaqt li sar ħafna titjib fit-trattamenti li hawn, għad hemm xi mediċini li jaffettwaw il-konċentrazzjoni u l-funzjoni tal-moħħ. Jista' wkoll ikun hemm xi problemi fl-imġieba u effetti fuq il-burdata. Din tal-aħħar tiġri l-aktar meta jkun hemm xi tibdil fil-mediċina.

L-aċċessjonijiet jafu wkoll iħarbtu l-irqad u għaldaqstant dan jista' jwassal għal xi problemi fil-memorja. Xi drabi xi student jista' wkoll jesperjenza aċċessjoni fil-klassi li tkun relatata mal-ansjetà jew stress.

L-attitudni u l-aspettattivi ta' dawk madwar l-istudent jistgħu jagħmlu impatt fuq is-suċċess tal-istudent innifsu. Fejn u jekk ikun possibbli, tajjeb li l-għalliem jew l-LSE jiddiskutu mal-familja u t-tabib tal-istudent, u jifhmu sew x'inhu l-aħjar mod li biħ jistgħu jgħinu. Dan jaf iħalli impatt pożittiv ħafna fuq il-progress ta' l-istudent.

Meta student bl-epilessija jidher li mhux qed imur tajjeb fix-xogħol tal-iskola, jew ikun qed jesperjenza diffikultajiet fit-tagħlim u jkollu problemi fl-imġieba, tajjeb li wieħed jistudja s-sitwazzjoni bir-reqqa. Jista' jagħti l-każ li jkun hemm bżonn li jsir assessjar ġdid tal-mediċina li tkun qed tittieħed.

Dan sabiex wieħed ikun jaf jekk id-diffikultajiet humiex riżultat tal-kundizzjoni jew tal-mediċina. Idealment l-istudent jerġa' jkollu assessjar psikoloġiku ġdid.

Għal aktar informazzjoni jew jekk tixtieq xi voluntiera mill-**Caritas Malta Epilepsy Association** sabiex jagħtu xi sessjonijiet informattivi ġewwa l-iskola tiegħek, ikkuntattjana fuq l-imejl **maltaepilepsy@gmail.com.**




# Informazzjoni Dwar ix-Xogħol

Bil-paċenzja, perseveranza u pożittività, il-maġġoranza tal-persuni bl-epilessija jirnexxilhom isibu xogħol li jogħġobhom, fejn jistgħu jużaw il-ħiliet u t-talenti tagħhom bl-aħjar mod.

F'ċerti sitwazzjonijiet, ikun għaqli u aktar sigur, li persuna bl-epilessija tinforma lil min iħaddmu bil-kundizzjoni tagħha. Wieħed jista' wkoll jipprepara pjan ta' kura *(care plan)* jekk aċċessjoni tiġri fuq il-post tax-xogħol. Fost affarijiet oħra din tista' tinkludi: x'jiġri waqt aċċessjoni, kemm il-darba sseħħ, kif wieħed jista' jgħin waqt u wara l-aċċessjoni. Tajjeb li wieħed jinkludi x'jesperjenza qabel ma tkun ġejja l-aċċessjoni, dik li tissejjaħ *aura*.

Aktar ma n-nies titgħallem dwar l-aċċessjonijiet u l-ewwel għajnuna, aktar tkun kapaċi tgħin jekk jinqala' xi ħaġa fuq il-post tax-xogħol. Fuq kollox, l-edukazzjoni tgħin sabiex titnaqqas l-istigma.

Meta persuna bl-epilessija tkun qed tfittex impjieg, din tista' tapplika ma' *Jobsplus* u jkollha isimha mniżżel fir-reġistru adegwat skont l-avviż legali (AL) 156 tal-1995. L-applikant imbagħad ikun riferut lill-*Placement Medical Officer*. Xogħlu huwa li jagħmel assessjar tal-kapaċitajiet tal-individwu u jara għal liema xogħol ikun l-aktar addattat. Meta jkun hemm konferma, dil-persuna tkun riferuta lill-*Occupational Therapist* (OT). Hekk kif isir l-assessjar mill-OT, il-persuna tkun riferuta lill-Fondazzjoni Lino Spiteri (LSF) fejn jingħata sapport permezz ta' reġisitrazzjoni u għajnuna fit-tfittxija għal xogħol, kif ukoll sapport fuq il-post tax-xogħol.



# Informazzjoni għall-Pulizija

Huwa neċessarju li l-pulizija tifhem kemm hi komuni l-epilessija, b'mod speċjali fejn tidħol il-kontroll ta' folla nies. Dan għaliex wieħed minn kull mitt persuna għandu dil-kundizzjoni. Aktar ma l-pulizija titgħallem dwar it-tipi differenti t'aċċessjonijiet li jeżistu, aktar hemm iċ-ċans li tingħata l-aħjar tip tal-ewwel għajnuna. B'hekk il-pulizija jistgħu jintervjenu b'mod aktar effiċjenti u responsabbli.

Persuna li jkollha ċertu tip ta' aċċessjoni jista' jkun li tidher qed iġġib ruħha bħal xi ħadd li huwa taħt l-influwenza tal-alkoħol jew tad-droga. Tajjeb li dak li jkun ifittex jekk il-persuna għandix xi tip ta' karta ta' identità li tindika li għandha l-epilessija. Hemm ukoll min ikollu xi brazzuletta jew ġiżirana speċjali.

Huwa mportanti ukoll li l-pulizija tuża, fejn ikun hemm bżonn, l-proċedura tal-ewwel għajnuna hekk kif inhi ndikata f'dan it-*toolkit*. Barra minn hekk ikun tajjeb li f'każ ta' folla, l-pulizija twarrab lin-nies li tinġabar.

B'mod regolari, il-Caritas Malta Epilepsy Association, tagħti taħriġ ta' madwar 90 minuta lir-rekluti l-ġodda tal-pulizija. Jekk tixtiequ aktar informazzjoni jew taħriġ tistgħu tikkuntattjawna fuq l-imejl **maltaepilepsy@gmail.com.**



# Konklużjoni

Jekk inti persuna li għandek l-epilessija, jew jekk int ħabib, kollega ta' xi ħadd bl-epilessija, GRAZZI talli qed taqra dan il-ktejjeb biex tinforma ruħek. B'dan il-mod inti tkun qiegħed tgħin lill-persuni li għandhom din il-kundizzjoni, kif ukoll lill-familjari tagħhom.

Il-**Caritas Malta Epilepsy Association** trid tkun sors ta' informazzjoni u sapport f'dan ir-rigward. Għaldaqstant ikkuntattjana jekk tħoss li trid tagħmlilna xi mistoqsijiet jew jekk għandek xi diffikultajiet. Anke aħna għandna bżonn l-għajnuna tiegħek! Jekk tixtieq tgħin fil-kampanji edukattivi li aħna noffru b'xejn, jew tixtieq taqsam l-esperjenzi personali tiegħek, nitolbuk illi tinfurmana. Aktar ma persuni bl-epilessija jitkellmu dwar l-esperjenzi tagħhom, aktar tonqos l-istigma. Wieħed mill-għanijiet prinċipali tagħna huwa li nkabbru l-għarfien dwar l-epilessija mal-pubbliku in ġenerali u nnaqqsu l-ideat żbaljati li hawn fuq din il-kundizzjoni. Tul dawn l-aħħar snin il-kampanja promozzjonali u edukattiva tagħna kienet tinkludi serje ta' interventi fuq it-televiżjoni, ir-radju, sessjonijiet fl-iskejjel u l-parroċċi, artikli fuq il-gazzetti, kif ukoll produzzjoni ta' video/DVD fuq l-epilessija bil-lingwa Maltija. Barra minn hekk sar u għadu jsir tqassim ta' fuljetti bil-Malti, kif ukoll ħriġna karti tal-identità u djarji għall-persuni bl-epilessija.

Tista' tissieħeb fl-assoċjazzjoni tagħna b'XEJN. Il-laqgħat tal-membri jsiru kull xahrejn fit-tieni Ġimgħa tax-xahar. Dak kollu li jintqal waqt dawn il-laqgħat isir b'mod strettament kunfidenzjali. Biex tkun taf meta se ssir il-laqgħa li jmiss, tista' tara l-paġna ta' *Facebook* jew is-sit tagħna fuq **www.caritasmalta.org/epilepsy**.

Jekk tixtieq tagħti s-sapport għall-kampanji edukattivi u konferenzi tagħna, tista' tagħmel id-donazzjoni tiegħek b'dan il-mod:

| | |
|---|---|
| Bank: | **Bank of Valletta** |
| Benefiċjarju: | **Caritas Malta Epilepsy Association** |
| Numru tal-kont: | **40012251483** |
| IBAN: | **MT44VALL22013000000040012251483** |
| SWIFT CODE: | **VALLMTMT** |

# Glossarju ta' l-abbrevjazzjonijiet

**AED - Anti-Epileptic drugs**

**CMEA - Caritas Malta Epilepsy Association**

**CT Scan - Computerized Topography Scan**

**EEG - Electroencephalogram**

**MRI - Magnetic Resonance Imaging**

**LSE - Learning Support Educators**

**OT - Occupational Therapist**

# Lista ta' kuntatti li tista' tiġi bżonnhom

## Caritas Malta Epilepsy Association

www.caritasmalta.org/epilepsy
5, Lion Street
Floriana
Tel: +356 25906600
Email: maltaepilepsy@gmail.com

## Commissioner for the Rights for Persons with Disability

http://crpd.org.mt/
Salvu Psaila Street, Birkirkara.
Tel: +356 22267600

## Dar il-Kaptan Respite Services

http://www.darilkaptan.org/
Rotary Drive,
Triq il-Kaptan,
Mtarfa MTF 1155
Tel: +356 2145 0103/4 +356 7939 7265
Email: info@darilkaptan.org

## Dar tal-Providenza

Id-Dar tal-Providenza
Lapsi Road,
Is-Siġġiewi, SGW 2822
Tel: (+356) 21462844
E-Mail:info@dartalprovidenza.org

## Jobs Plus Head Office

Birzebbuga Road
Hal Far BBG 3000
https://jobsplus.gov.mt/
Tel: 22201403
Email: jobsplus@gov.mt

## JobsPlus Sheltered Employment Training

https://jobsplus.gov.mt/training-opportunities/shelter-training
Telephone of person responsible: 22201726
Email address of person responsible: maria.cacciatore@gov.mt
Tel: 22201722
Email: set.jobsplus@gov.mt

## The Lino Spiteri Foundation,

LSF Centre,
St. Louis Street,
Msida
MSD 1464
www.linospiterifoundation.org
22201761 or 22201762
info@lsf.org.mt

## Malta Employers Association

http://www.maltaemployers.com
35/1, South Street, Valletta VLT 1100
Tel: (+356) 21 237 585 (+356) 21 222 992 24/7 Helpline: (+356) 21 222 006
Email: admin@maltaemployers.com

## Mater Dei Hospital

https://deputyprimeminister.gov.mt/en/MDH/Pages/MDH-Phone-Numbers.aspx
Msida, MSD 2090,
General Tel: 2545 0000
Tel: Emergency Ambulance 112
Tel: Accident & Emergency Department 2545 4030
Tel: Customer Care Office 2545 4184
Tel: Main Reception 2545 4182
Tel: Neuro Medical Ward 2545 6220
Tel: Neuro Surgical Ward 2545 6210
Tel: Paediatric Day Care 2545 4940
Email: mdh@gov.mt

## Ministry for Education and Employment Support Services

http://education.gov.mt/en/education/student-services/Pages/default.aspx
Directorate for Educational Services (DES)
Fra Gaetano Pace Forno Street
Hamrun
Tel: 25983494
Email : nationalschoolsupportservices.mede@gov.mt

## SOS bracelets and other items

https://www.sostalisman.co.uk/
21 Grays Corner, Ley Street,
Ilford, Essex IG2 7RQ UK
Tel: 00442085545579
Email: sostalisman@btinternet.com or
maria@sostalisman.co.uk



# Epilepsy ToolKit



**Il-kundizzjoni li għandek ma tirriflettix il-persuna li int.**
**Il-kuraġġ u d-determinazzjoni li għandek jiddeskrivuk.**

Dan it-toolkit ġie iffinanzjat mill-PEKTUR,
mill-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Malta.

Caritas Malta Epilepsy Association | +356 25906600 | maltaepilepsy@gmail.com